TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 155/14/GB

**Joanne Fenech**

**vs**

**Dr Frank Farrugia**

Illum 10 ta' Settembru 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-1 ta' Lulju, 2014 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' erbgha mija u hamsin Ewro (€450.00), rapprezentanti l-prezz li hija hallset lill-intimat ghal trattamenti tax-xaghar, liema trattamenti tax-xaghar ma hallew l-ebda riżultat pożittiv.

L-intimat ipprezenta risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti, li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata ta' l-intimat, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Qieghda titlob li tinghata lura l-flus li hija hallset ghal trattamenti tax-xaghar, li ma hallew ebda riżultat pożittiv.

**L-intimat issottometta bil-miktub illi:-**

It-trattament li sar tal-'hair laser' kien spjegat li ma huwiex 100%. Iwaqqaf il-'hair loss' fi 50%-80% u jkabbar xaghar ġdid bejn 50%-70%. L-intimat spjega dan lir-rikorrenti. Ir-rikorrenti kienet diga' ppruvat trattamenti ohrajn li ma hadmux u huwa fatt li hafna *kundizzjonijiet kroniċi ma hemm xejn 100%. Per eżempju arthritis, psoriasis ecc. It-trattament*

tal-'Carboxytherapy' ukoll kien spjegat kif jahdem u hemm 'papers' li juru li jghin ic-cirkulazzjoni.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn żiedet tistqarr illi hija ghamlet trattament mediku ghal xagharha ghaliex ghandha kundizzjoni u marret tiehu parir. Hija ppruvat minn kollox. L-intimat kien issuggerielha 'Carboxytherapy' li huwa ahjar ghac-cirkolazzjoni tar-ras. Il-GP tar-rikorrenti kien qalilha li qatt ma kien sema' b'dan it-trattament u li ma kienx appruvat mill-FDA. L-intimat kien issuggerielha trattament iehor, 'Meso Therapy', però, hija riedet tahsibha. Ir-rikorrenti kienet kellmet professur li kien kontrih totali. Imbaghad hija kienet rat riklam iehor li jismu 'Laser Hair Regrowth'. Hija qatt ma rat improvement f'dan lanqas. L-intimat kien offrielha 'free treatments' u kienet aċċettat. Wara l-erbatax-il trattament, ir-rikorrenti kienet waqqfet it-trattament. Ir-rikorrenti nsistiet illi hija ma tbaghtix minn telf ta' xaghar iżda minn 'hair breakage', u li din il-kundizzjoni tista' tkun ereditarji. Rigwardanti it-trattament tal-laser, ir-rikorrenti xehdet illi hija kemm kienet iccekjat li hu FDA approved u ma hadet l-ebda parir iehor. Żiedet tghid ukoll illi kienet waqqfet il-'Carboxytherapy' ghax riedet hi. Ir-rikorrenti iċċarat illi l-'Carboxytherapy' kien swieha mija u hamsin Ewro (€150.00) u l-ghaxar treatments l-ohra kienu swewha tliet mitt Ewro (€300.00).

Ir-rikorrenti ezabiet ir-ricevuti, li gew immarkati bhala Dok.JF1.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi l-intimat fix-xhieda guramentata tieghu rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub, fejn żied jistqarr illi huwa qatt ma qal lir-rikorrenti illi t-trattament kien 100%. Fil-medicina ma hemm xejn 100%. Il-'Carboxytherapy' jghin ic-cirkolazzjoni mir-roots u x-xaghara tissahhah. Stqarr ukoll illi l-FDA m'ghandha x'taqsam xejn ma' dawn il-procedimenti. Xehed illi mhux kulhadd jirrispondi l-istess ghal trattamenti u li huwa kien offra hames trattamenti b'xejn lir-rikorrenti, fejn kull trattament jiswa tletin Ewro (€30.00), u kienet hi li ma rieditx tkomplieh kollu.

L-intimat ezebixxa tliet (3) dokumenti, li gew immarkati bhala Dok.FF1, Dok.FF2 u Dok.FF3.

It-Tribunal jinnota illi r-rikorrenti ezebiet riċevuti ammontanti ghal biss tliet mitt Ewro (€300.00), u cioe' mija u hamsin Ewro (€150.00) inqas mit-talba kif dedotta.

It-Tribunal jinnota wkoll illi l-intimat kien diga' offra, u r-rikorrenti accettat, hames (5) trattamenti b'xejn, b'valur ta' tletin Ewro (€30.00) ghal kull trattament.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota illi, fuq ammissjoni taghha stess, ir-rikorrenti ma kienet hadet l-ebda tip ta' parir rigwardanti t-trattament in kwistjoni, u kienet hija stess illi kienet waqqfet tali trattament minn jedda. Kien hemm qbil ukoll bejn il-verzjonijiet tal-partijiet illi l-intimat fil-fatt ma kien ta l-ebda garanzija lir-rikorrenti illi t-trattament in kwistjoni necessarjament kien ser ikollu riżultati pożittivi. It-Tribunal jiehu in konsiderazzjoni illi, nonostante dan il-fatt, l-intimat xorta wahda kien offra hames (5) trattamenti b'valur ta' mija u hamsin Ewro (€150.00) lir-rikorrenti, liema offerta hija kienet aċċettat u ghamlet uzu minnha. Illi ghalhekk, wara ezaminazzjoni tal-provi prodotti, jirrizulta ampjament car illi ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti ta' l-intimat u ghaldaqstant, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**